# DECIZJONI NUMRU 2412

**Kaz Numru 3193/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Judith Overand nee' Attard Mccarthy (ID No: 307370M)**

**u**

**Med Reef Company Limited (C53565)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 21 t'Ottubru, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Judith Overand fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-15 ta' Jannar, 2014, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet wahda ngusta u ma kienetx valida skond il-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Judith Overand li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Dr. Abigail Critien, Dr. Steffi Vella Laurenti u Kevin Camilleri.

Med Reef Co. Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Nick Spiteri Paris assistit minn Dr. Ian Spiteri Bailey.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata fuq kuntratt indefinit sa mill-15 ta' Settembru, 2011, bhala *Retail Operations Co-ordinator* mas-Socjeta' ntimata li kellha tlett hwienet tal-hwejjeg.
Gara li nhar is-Sibt 7 ta' Dicembru, 2013, id-Direttur Spiteri Paris kien zar il-hanut ta' B'kara u nnota xi hwejjeg mizmumin fuq xkaffa. Hwejjeg li skond *salesgirl*, kienu ta' l-Appellanti. Meta huwa tkellem mall-Appellanti dwar dan, hija kienet qaltlu li kellha l-intenzjoni li tixtrihom.
It-Tnejn ta' wara, waqt li kien qed jara filmat tas-Sibt ta' qabel fuq is-CCTV, id-Direttur Spiteri Paris ra lill-Appellanti titfa l-hwejjeg f'borza sewda normalment uzata ghaz-zibel. Fl-istess filmat huwa ra lill Appellanti taqla' s-*security tags* tas-16 il-*item* u tohroghom mill-hanut.
L-Appellanti tghid li fil-waqt li dak in-nhar tas-Sibt 7 ta' Dicembru, 2013, hija harget 16 il-*item*, hija pero' hallset ta' hamsa. Dan ghaliex l-ohrajn riedet tippruvahom id-dar peres li ma kellhiex cans tippruvahom waqt il-hin tax-xoghol.
L-impjieg tal-Appellanti gie mitmum nhar l-10 ta' Dicembru, 2013.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Nicholas Spiteri Paris** xehed li huwa Direttur tal-Kumpanija. Spjega li l-kumpanija kellha tlett hwienet tal-hwejjeg li huma f'B'kara, Paola u Ghawdex u kienet timpjega 12 il-persuna. Spjega li r-*role* ta' l-Appellanti kien li hija kienet isservi ta' *bridge* bejn il-*management* u l-impjegati u kienet tiehu hsieb l-amministrazzzjoni generali tal-impjegati.

Spjega li l-incident relatat mat-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti kien sehh fil-hanut ta' B'Kara.

Ix-xhud qal li fil-bidu ta' kull ingagg, l-impjegat jinghata kopja ta' *Policy and Procedure Document*, fejn irrijafferma li anke l-Appellanti kienet inghatat kopja.

Ix-xhud qal li nhar is-Sibt 7 ta' Dicembru waqt zjara li kien ghamel fil-hanut ta' B'Kara nnota xi hwejjeg fuq l-ixkaffar fl-*istore*. Xi haga li skont ix-xhud kienet stramba, ghaliex kienu mizmumin bhal munzell. Ix-xhud qal li sejjah lis-*salesgirl* Deborah u staqsiha x'kienu dawk l-affarijiet. Hija wiegbet li kienu *items* ta' l-Appellanti Judith. Ix-xhud kompla li meta l-Appellanti dahlet ghax-xoghol u huwa staqsieha dwar dawk il-hwejjeg fl-*istore*, hija kkonfermatlu li ser tara dawn il-hwejjeg u fil-kaz kienet ser tixtrihom ghalija. Ix-xhud sostna li huwa kien qalilha li dakinhar trid tiddeciedi x'ser taghmel u li jekk ma kienetx ser tixtrihom dawn ghandhom johorgu fix-*shop floor*.

Ix-xhud spjega li din kienet kontra l-proceduri stabbiliti. Dan qalu fil-waqt li ta' ragunijiet amministrattivi ghaliex dan m'ghandux isir, ghaliex kull prodott ghandu jkun esebit fil-vetrini tal-hwienet, b'hekk jigi evitat li *items* jigu mwarrba b'intenzjoni sabiex jinxtraw meta jkun hemm is-*sale*. Dan spjegah waqt li xehed li membri ta' l-istaff ghandhom 30% *discount* fuq l-affarijiet li jixtru u fil-kaz ta' l-Appellanti dan kien ta' 50%.

Ix-xhud kompla li t-Tnejn ta' wara waqt li kien qed jara filmat tas-Sibt ta' qabel fuq is-*CCTV* huwa ra lill-Appellanti tpoggi l-hwejjeg ( li kienu aktar qabel tkellmu dwarhom) gewwa borza taz-zibel. Ix-xhud kompla li mill-filmat kien jindika li l-Appellanti hallset ghall 5 *items*. Dan ifisser spjega x-xhud li dakinhar mill-hanut inhargu 16 il-*item* u thallsu 5. Ix-xhud qal li meta it-Tnejn baghat ghall-Appellanti hija l-ewwel qaltlu li kienet hallset ta' kollox u wara qaltlu li kienet hallset ta' hamsa u l-ohrajn kienet ser tirritornahom wara li kienet ippruvathom id-dar, ghaliex skond hi ma kellhiex cans tippruvahom fil-hanut. Ix-xhud qal li s-*security tags* tal-hdax li l-Appellanti ma kienetx hallset ghalihom kienu nqalghu ukoll. Qal li dawn il-hwejjeg gew irritornati fil-hanut l-ghada li l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum u cjoe fil-11 ta' Dicembru, 2013.

Ix-xhud qal li bl-agir taghha hija kisret il-*policies* tal-kumpanija u dan meta hija kienet tokkupa posizzjoni li tara li l-impjegati ohra ma jaghmlux hekk. Huwa qal li ghalih ma kienx hemm raguni valida ghaliex hija hadet hwejjeg id-dar sabiex tippruvahom meta matul dak il-jum ta' l-incident hija kellha hin bizzejjed sabiex tippruvahom fil-hanut.

Dan wassal sabiex tintilef il-fiducja fiha u konsegwentament kellha l-impjieg taghha mitmum. Ix-xhud sostna li d-decizjoni li jtemmilha l-impjieg kien hadha dakinhar ghaliex hija ma kienetx sodisfacenti fl-ispjegazzjoni taghha. Ix-xhud qal li meta l-kompjuter li normalment kienet tuza l-Appellanti zviluppatlu xi hsara hija ma nghatatx iehor ghaliex ma baqax il-htiega li hija jkollha wiehed peress li f'kull *outlet* kien hemm kompjuter u ghaldaqstant setghet taghmel uzu minn hemm. Dan apparti l-fatt li fejn fil-bidu kienu operattivi 4 hwienet, f'dak il-perjodu kienet tiehu hsieb tnejn f'Malta. Ix-xhud spjega li wara t-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti f'Dicembru 2013, kien inghalaq il-hanut ta' Rahal Gdid lejn Mejju 2014, imbaghad lejn Ottubru 2014 inghalaq ta' B'kara u ta' Ghawdex inghalaq f'Dicembru 2014.

**Judth Overand** l-Appellanti xehdet li hija damet tahdem mall-kumpanija sentejn u nofs u dan fil-kariga ta' *Retail Co-ordinaor*. Spjegat li r-wol taghha kien li kienet tiehu hsieb il-hwienet, ix-xoghol u anke l-*istaff*. Hija spjegat li l-istaff kienu ntitolati ghal *discount* meta jixtru xi hwejjeg.
Dwar l-incident li wassal ghat-tmiem tal-impieg taghha, x-xhud qalet li dakinhar hija kienet warrbet xi hwejjeg li hija kellha l-intenzjoni li tixtri.
Qalet li peress li kien is-Sibt filghaxija u hija ma kellhiex cans tippruvahom fil-hanut iddecidiet li tehodhom id-dar u t-Tnejn ta' wara thallas dawk li jkunu gewha tajbin u tirrirorna l-ohrajn. Hija qalet li dakinhar li hadet il-hwejjeg hija kienet qalet lil Glenda Ellul li kienet ser tiehu xi hwejjeg id-dar sabiex tippruvhom u wriethomla.
Ix-xhud kompliet li t-Tnejn hija suppost kellha tirraporta xoghol fil-hanut ta' B'kara, pero' kienet irceviet *SMS* minghand Nick il-*boss* sabiex tmur fil-hanut ta' Rahal Gdid. Hija spjegat li kif dahlet Nick staqsieha jekk is-Sibt ta' qabel kienetx xtrat xi hwejjeg u hija wegbitu li iva xtrat hwejjeg u hadet ohrajn sabiex tippruvhom id-dar. Ix-xhud qalet li f'dak il-hin huwa qalilha li dan ma kienx accettabbli u jew titlaq hi jew iwaqqafha hu. Spjegat li dak il-hin hasset li kien qed jiccajta izda wara rrejalizzat li ma kienx hekk. Qalet li kemm damet tahdem hemmhekk dejjem qdiet id-doveri taghha 100%. Stqarret li qatt ma basret li l-impjieg taghha kien ser jigi mitmum bhal li kieku kienet xi halliela. Qalet li hija kienet taf li fil-hwienet hemm is-*CCTV cameras* u allura dak li ghamlet m'ghamlitux bil-mohbi anzi nfurmat lill-kollega taghha bil-hwejjeg li kienet ser tiehu maghha d-dar. Hija sostniet li l-hwejjeg li ma gewhiex tajbin ma rritornathomx it-Tnejn stess peress li hija kienet hadithom mill-hanut ta' B'kara u hija kienet sejra f'dak ta' Rahal Gdid.

Ix-xhud qalet li fl-ahhar sena hija bdiet tinnota li bhal donnu kienet qed tigi mwarrba fejn bdiet tahdem xiftijiet bhal *sales-girls*. Ix-xhud qalet li wara li hija spiccat mix-xoghol it-tlett *outlets* tal-kumpanija gew maghluqa fi zmien ftit xhur.

**Glenda Ellul** xehdet li hija kienet impjegata mas-Socjeta' ntimata bhala Supervisor fil-hanut ta' B'kara. Ix-xhud spjegat li l-Appellanti peress li kienet *manager* ma kienetx tkun il-hin kollu f'dak il-hanut izda kienet tmur ukoll fil-hanut ta' Rahal Gdid.
Dwar dak li sehh nhar is-Sibt 7ta' Dicembru, 2013, ix-xhud qalet li l-Appellanti kellha xi affarijiet merfughin fl-*istore*. Kompliet li qabel telqet qaltilha li hija kienet ser thallas ghal xi *items* u dwar ohrajn kienet ser tehodhom id-dar sabiex tipprovhom. Ix-xhud stqarret li l-Appellanti kienet qaltilha sabiex tikteb x'*items* ma kienetx hallset u li kienet ser tiehu id-dar, izda hi wegbitha li ma kienx hemm ghalfejn ghaliex kienet tiftakar x'kienu. Ix-xhud stqarret li hija kienet taf li ghandhom *policy* li ma jistghux jerfghu hwejjeg fl-*istore* u li l-anqas jiehdu hwejjeg id-dar.
Ziedet li din kienet l-ewwel darba li grat haga bhal din fl-andament tax-xoghol taghha mall-Appellanti u li qatt ma grat ma' xi kollegi ohra. Ix-xhud qalet li l-affarijiet li xtrat u hadet l-Appellanti kienu ilhom merfughin fl-*istore.* Ix-xhud qalet li qabel is-7 ta' Dicembru, 2013, Nick kien staqsieha ta' min kienu dawk l-affarijiet merfughin u hi kienet qaltlu li kienu ta' l-Appellanti.

**Joseph Saliba** xehed bhala rapprezentant tal-ETC. Huwa pprezenta l-*Employment History* tal-Appellanti u spjega xi entraturi.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Ian Spiteri Bailey** f'isem is-Socjeta' ntimata beda l-argumenti tieghu billi sostna li l-Appellanti sa mir-rikors taghha stqarret li hija kieney warrbet xi hwejjeg, u ghaliex ma kellhiex cans tippruvahom waqt il-hin tax-xoghol, hadithom id-dar. Dan ghamlitu fil-waqt li  lil Glenda Ellul li hija kienet ser tippruvahom id-dar fejn kienet ser tiddeciedi x'ser izomm.
L-Avukat sahaq li din ammissjoni turi b'mod car ksur tal-*policies* tal-kumpanija. Proceduri li l-Appellanti mhux biss kienet taf bihom izda li kienet fid-dmir moinhabba l-posizzjoni taghha li tara li jigu osservati.

Dr. Spiteri Bailey wara ghadda biex irribatta l-argument li qed jinghad li l-Appellanti ma kellhiex intenzjonijiet hziena f'dak li ghamlet, ghaliex dan sehh kollu quddiem il-*cameras* tas-sorveljanza u li b'dak li ghamlet ma

kienx detrimentali ghall-kumpanija. L-Avukat sostna li minnhom infushom il-ksur ta' dawn il-policies huma detrimentali ghall-kumpanija.
L-Avukat qal li l-agir tal-Appellanti sahansidra gab lill-kollega taghha Glenda Ellul f'posizzjoni li din ma tosservax il-*policies*, meta hija hallietha twarrab hwejjeg meta dan imur kontra tali *policies*. U dan ghamlitu ghaliex hassitha skomda tkellem lill-Appellanti peress li din kellha kariga oghla minn taghha.
Dr. Spiteri Bailey spjega li mhux veru li kien il-kaz li l-Appellanti ma ppruvatx il-hwejjeg li kienet warrbet ghaliex kien hemm pressjoni ta' xoghol. Mhux biss il-cameras juru mod iehor izda, hwejjeg kienu ilhom imwarrbin minn granet shah qabel u kien biss is-Sibt u cjoe' qabel il-*weekend* li l-Appellanti ddecidiet li tehodhom. F'dan il-kuntest l-Avukat spekula li hija setghet tuza xi libsa minnhom matul il-*weekend* u tirritornaha ghaliex ma kienetx gietha. Semma wkoll kif l-Appellanti biddlet ukoll il-verzjoni dwar il-hlas tal-hwejjeg fejn l-ewwel qalet li kienet hallset ghall-items kollha imbghad meta kien ikkofrontatha bl-invoices biddlet il-verzjoni u qalet li kienet hallset biss ghal xi whud minnhom.
Dr. Spiteri Bailey ghalaq it-trattazzjoni tieghu billi qal li dan l-agir laqat negattivament ir-relazzjoni ta' bejn l-impjegata u l-principal u dan mhux biss a bazi ta' fiducja izda ghaliex gew imwarrba policies daqs li kieku ma kien gara xejn. U dan minn persuna li suppost kellha tara li dan ma jsirx.

**Dr. Abigail Critien** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi spjegat li l-fatt li l-Appellanti ghamlet dak li ghamlet ben konxja li kollox qed jigi rrekordjat fuq il-*cameras*, huwa prova li hija qatt ma kellha xi ntenzjoni li tisraq. Reat li ghalkemm fl-ittra tat-terminazzjoni ma ssemhiex b'mod dirett, intqal li dak li ghamlet l-Appellanti sar '… *in circumstances which are deemed to be of a very serious nature and detrimental to the interests of the company*.'
F'dan il-kaz partikolari, l-intenzjoni hija t'importanza reali, sahqet l-Avukat. Dan ghaliex hija f'ebda stadju ma hbiet l-agir taghha, u dan ghaliex hija kellha l-intenzjoni li tirritorna l-*items* li ma kienetx ser izzomm u thallas ta' dawk li kienet ser izzomm, kif fil-fatt ghamlet. Dak li ghamlet ghamlitu bil-miftuh quddiem il-*cameras* u anke qalet lill-kollega taghha sabiex sahansidra tiehu nota tal-*items* li kienet qed tohrog.

Dr. Critien qalet li l-Appellanti mhux tmeri dak li fil-fatt sar, izda qieghda tirribatti li dak li qed issosstni l-kumpanija li l-agir taghha kien ta' natura serja u detrimentali li kien jimmerita tkeccija mix-xoghol.

Dr. Critien semmiet li f'dak il-perjodu l-kumpanija kienet ghaddejja minn zmien hazin tant li certu beneficcji li kellha l-Appellanti ttiehdulha u bdew jinghalqu certu hwienet.
Dr. Critien temmet it-trattazzjoni taghha billi sostniet li t-terminazzjoni tal-Appellanti kienet decizjoni opportuna tal-kumpanija sabiex jitnaqqsu l-*costs* taghha u dan peress li l-Appellanti kienet mhallsa tajjeb. Sostniet li l-kumpanija hadet vantagg minn dan l-incident u bl-iskuza li ma gewx osservati proceduri gie mitmum l-impjieg tal-Appellanti.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Quddiem dan it-Tribunal gie ttrattat kaz fejn ic-cirkostanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg ma kienx hemm kontestazzjoni dwarhom mill-partijiet involuti. L-Appellanti warrbet hwejjeg u poggiethom f'borza fl-*istore* u wara harget dawn il-hwejjeg sabiex tippruvahom id-dar. Il-partijiet qablu li dak imwettaq mill-Appellanti u cjoe' irfieh ta' hwejjeg fl-*istore* u hrug ta' hwejjeg mill-hanut sabiex ikunu ppruvati d-dar kienu agir li jmur kontra l-*policies* tal-kumpanija.

Fid-dawl ta' dan, il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jara jekk dawn il-vjolazzjonijiet fil-*policies* **fic-cirkostanzi kif sehhew** kienux tant gravi li kienu jimmeritaw tmiem tal-impjieg.

Glenda Ellul fix-xhieda taghha stqarret li dawk il-hwejjeg kienu ilhom merfughin fl-*istore* '…iktar minn gimgha', u li qabel l-Appellanti harget il-hwejjeg mill-hanut, Nick Spiteri Paris '… staqsieni ta' min huma dawn l-affarijiet…ghidt il-verita' ta' min kienu…ta' Judith.'. Mix-xhieda ta' Nick Spiteri Paris jindika li meta huwa kellem lill-Appellanti dwar il-hwejjeg li hija kienet refghet fl-*istore*, fil-waqt li huwa gibdilha l-attenzjoni li tali rfieh ta' hwejjeg ma kienx permess, ir-rejazzjoni tieghu kienet '… ghidtilha illum iddeciedi x'sa taghmel, ma rridx narahom ghada hemmhekk..' Reazzjoni li ghat-Tribunal kienet pjuttost wahda leggera, l-aktar meta dan in-nuqqas kien deskritt mis-Socjeta' ntimata waqt dan il-process bhala tant serju li kien wiehed mir-ragunijiet ghala gie mitmum l-impjieg.
It-Tribunal jistaqsi, x'zamm lill-*Management* li b'mod immedjat ma ndirizzax din is-sitwazzjoni bit-tehid ta' passi dixxiplinarji veru u propji sabiex jigi ndirizzat dan in-nuqqas deskritt bhala gravi?

Dwar il-hrug tal-hwejjeg mill-hanut da parti tal-Appellanti, t-Tribunal jaghraf li dan il-fatt ma giex disputat la fis-sehh tieghu u l-anqas li dan kien imur kontra l-*policies* tal-Kumpanija.

It-Tribunal xtarr bl-attenzjoni dovuta l-ittra li biha l-Appellanti giet mgharrfa bit-tmiem tal-impjieg taghha fejn fil-waqt li ntqal lilha li l-impjieg kien qed jigi mitmum in vista *‘ of the recent circumstances which have come to the company’s attention. Which circumstances are deemed to be of a very serious nature and detrimental to the interests of the company, which circumstances you are well aware of ’,* id-dettal tal-akkuzi li johorgu minn tali cirkostanzi ma gewx spjegati sa dak il-mument li l-Appellanti giet imkeccija mix-xoghol u cjoe’ nhar l-10 ta’ Dicembru, 2013. Tali dettalji ta’ l-akkuzi hargu biss fir-risposta tal-Kumpanija pprezentata lit-Tribunal fis-7 ta’ Marzu, 2014, fejn intqal li t-tkeccija kienet meritata primarjament ghaliex kien hemm kaz ta’ allegat serq jew al piu, misappropriazzjoni ta’ hwejjeg haddiehor u ghaliex l-incident imwettaq minnha u fil-kariga li kienet seta’ biss iwassal biex intilfet il-fiducja fiha.

Tenut kont ta’ kif sehhet il-laqgha li saret bejn l-Appellanti u Spiteri Paris nhar l-10 ta’ Dicembru, 2013, u anke tal-ittra li nharget dakinhar stess, it-Tribunal jiddubita kemm fl-ambitu tal-principju ‘*audi alteram parte’* l-Appellanti inghatat fakulta genwina li taghti spjegazzjoni adekwata ta’ ghemilha.

It-Tribunal fela bir-reqqa ukoll dak li hemm stipulat *fl’Internal Policy and Procedure Document’* tal-Kumpanija b’mod partikolari Art.8 ‘*Discipline*’. Dan l-artiklu jindika b’mod car li reat imwettaq minn impjegat u li jkun ikkunsidrat bhala ‘*misconduct*’ jista’ jkun imkecci b’mod instantanju. Bhala ezempji hemm indikat serq, assalt u frodi. L-artiklu jindika wkoll li reat jista’ jkun ikkunsidrat bhala ‘*non-performance’* f’kazi fejn il-*management* jidentifika prestazzjoni lavorattiva mhux sodisfacenti.

L-istess artiklu jaghmel referenza wkoll ghall-ewwel ‘*written warning’* fejn dan jigi mahrug f’kazi ta’ ‘*misconduct/breach of Internal Policy Procedure’*, fejn jinghad li f’kaz meqjus bhala sever din l-ewwel twissija tista’ tkun meqjusa bhala wahda finali. Dan barra li mpjegat jista’ jigi sospiz gurnata minghajr hlas jekk l-irregolarita tkun stmata bhala gravi. L-artiklu jitkellem ukoll dwar twissija finali, li tinghata jekk il-problema tippersisti u li jekk din ma tigix rizolta jittiehdu l-passi sabiex l-impjieg ikun mitmum.

Sabiex wasal ghal decizjoni konklussiva, apparti l-konsiderazzjonijiet elenkati aktar qabel, it-Tribunal osserva wkoll li minn xhur qabel ma tkecciet mill-impjieg, id-dmirijiet tax-xoghol tal-Appellanti, minhabba raguni jew ohra bdew jitnaqqsu, u anke li fl-istess zmien li l-Appellanti

tkecciet, il-kumpanija kienet ghadejja minn zmien ekonomikament xejn tajjeb tant li ftit xhur wara ghalqu t-tlett hwienet taghha.

- **Decizjoni**

It-Tribunal jifhem u jaccetta cirkostanzi gravi fejn ikun gustifikat li jintemm l-impieg ta' haddiem bhala mizura ta' dixxiplina. Fil-kaz ittrattat,it-Tribunal ma giex konvint li n-nuqqasijiet li wettqet l-Appellanti kienu jikkostitwixxu xi att tant gravi li kien jimmerita tkeccija mix-xoghol.

Fuq il-bazi tal-principju tal-proporzjonalita' fejn kull kastig moghti ghandu jkun f'bilanc mall-offiza, u tal-fatt li 'terminazzjoni tal-impieg' fil-kuntest ta' relazzjonijiet industrjali hija meqjusa bhala l-piena kapitali, dan it-Tribunal ihoss li l-kastig moghti f'dan il-kaz partikolari, kien wiehed ahrax wisq, u dan meta ma gewx konsiderati pieni ohra bhal per ezempju sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas u jew '*demotion*'.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza, fid-dawl tal-fatt li l-Appellanti damet kwazi sitt xhur bla xoghol u li matulhom ma kienetx intitolata ghall-beneficcju tal-qaghad minhabba l-mod kif gie mitmum l-impjieg taghha, t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €2,300. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**